**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**

**-vs-**

**Miriam SALINGEROVA**

**Illum,** 4 ta' Awissu, 2020

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **SALINGEROVÁ Miriam detentriċi tal-Identità Maltija numru 0107198A,** aktar il-quddiem imsejjha l-estradanta;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* numru SK00000001404509000001 fuq talba tal-Qorti Regjonali ta' fl-Islovakkja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat l-24 t'Ottubru, 2014, mahrug mill-istess awtorita` fil-konfront tal-estradanta, u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug fit-23 ta' Lulju, 2020;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-27 ta' Lulju, 2020;

Wara li fis-seduta tallum, semghet lill-estradanta tiddikjara li qed taghti l-kunsens taghha sabiex tintbaghat lura l-Islovakkja, u li mhux qed tirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità *(rule of specialty)* koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradanta l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu gew osservati u miftehma mill-estradanta;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradanta ghandha tinzamm taht arrest sabiex titregga' lura lejn l-Islovakkja fi zmien ghaxart ijiem millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**MAGISTRAT**